REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/365

tas-26 ta' Frar 2021

li japprova l-kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 1

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2007, l-awtorità kompetenti tas-Slovakkja ("l-awtorità kompetenti għall-evalwazzjoni") irċeviet applikazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għall-inklużjoni tas-sustanza attiva kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż fl-Anness I ta' dik id-Direttiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 1, l-iġjene tal-bniedem, kif definit fl-Anness V ta' dik id-Direttiva, li jikkorrispondi għat-tip ta' prodott 1 kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) Fid-19 ta' Novembru 2010, l-awtorità kompetenti għall-evalwazzjoni ressqet ir-rapport tal-valutazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE.

(3) Fis-16 ta' Ġunju 2020, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali adotta l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ([3]) ("l-Aġenzija"), wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti għall-evalwazzjoni.

(4) Skont dik l-opinjoni, il-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 1 li jużaw il-kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE, dment li jiġu ssodisfati ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tagħhom.

(5) Filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Aġenzija, jixraq li l-kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż bħala sustanza attiva jiġi approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 1, soġġett għall-konformità ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż huwa approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 1, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

([3]) L-Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali dwar l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż, Tip ta' prodott: 1, ECHA/BPC/255 adottata fis-16 ta' Ġunju 2020.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Isem Komuni	Isem IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni	Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva (1)	Data tal-approvazzjoni	Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni	Tip ta' prodott	Kundizzjonijiet speċifiċi
Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż	Isem IUPAC: Aċidu ipokloruż Numru KE: 232-232-5 Numru CAS: 7790-92-3	Speċifikazzjoni stabbilita għall-aċidu ipokloruż (bħala piż niexef min. 90,87 % w/w) li jirrilaxxa l-kloru attiv. L-aċidu ipokloruż huwa l-ispeċi predominanti f'pH 3,0 – 7,4.	L-1 ta' Lulju 2021	It-30 ta' Ġunju 2031	1	Fil-valutazzjoni tal-prodott għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lill-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert b'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, iżda li ma jkunx indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskji tas-sustanza attiva fil-livell tal-Unjoni.

(1) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata. Is-sustanza attiva fil-prodott imqiegħed fis-suq jista' jkollha l-istess purità jew purità differenti jekk ikun intwera li teknikament din tkun ekwivalenti għas-sustanza attiva evalwata.